**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIZJONI NRU: 2817**

**Kaz Numru : 3744//DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Mark Grima (K.I. nru. 464861M))**

**u**

**Fork & Night Ltd**
**(C88093)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg allegata nġusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A.,LLb; Dip. L.P., B.A., P.G.C.E.**

**It-Tlieta 19 ta' April 2022**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrijali mill-Avv Keith A.Borg fl-1 t'April 2019 f'isem Mark Grima fejn huwa allega tkeċċija nġusta mill-impjieg li kien jokkupa bħala 'Manager' mal-Fork & Night Ltd.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, fejn sema' x-xhieda mressqa minn naħat involuti, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ħa in konsiderazzjoni l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet ta' l-avukati difensuri.

### Rapprezentanza

Mark Grima li minn issa 'l quddiem ser jissejjaħ ir-rikorrent kien assistit mill-Avv. Keith A. Borg

Fork & Night Ltd li minn issa 'l quddiem ser tissejjaħ is-Socjeta' ntimata, kienet irrapprezentata mill-Avv. Kirk Brincau u l-Avv. Christine Calleja.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Dan il-kaz qed jidher quddiem dan it-Tribunal wara sentenza maħruġa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Diċembru 2019 fejn l-atti ġew rimessi lit-Tribunal biex jiddeċiedi l-kaz fil-mertu. Dan l-Appell segwa digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili maħruġ fit-12 ta' Diċembru 2019 li ddikjarat li fid-dawl ta' dak li jipprovdi t-tieni proviso tal-artiklu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Prim Awla ikkunsidrat li m'ghandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-Kawza u għalhekk ordnat li r-rikors jintbagħat lill-Qorti tal-Appell Superjuri. Dan wara b'digriet maħruġ mit-Tribunal fid-29 ta' Lulju 2019, Tribunal diversament presedut laqa' l-eċċezzjoni tas-socjeta' u kkonferma li m'għandux ġursidizzjoni fuq kuntratti ta' impjieg li jkunu tterminati waqt zmien ta' prova. Il-Qorti tal-Appell minn naħa tagħha qalet li t-Tribunal għandu jisma' l-kaz fil-mertu biex jiddeciedi jekk filfatt l-impjieg ġiex itterminat fi zmien ta' prova jew le.

Il-kaz idur ma' kwistjoni jekk l-impjieg ġiex itterminat waqt iz-zmien ta' prova jew le, u li skont id-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell, dan seta' ġie ddeterminat waqt is-smiegħ tal-mertu u li jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali biex jagħmel dan.

Is-soċjeta' f'dan il-kaz qed tikkonferma li r-rikorrent kien impjegat mit-2 ta' Ottubru 2018 sat-3 ta' Diċembru 2018, u li l-kariga li kien qed jokkupa hija waħda maniġerjali, li ġġorr magħha perjodu ta' sena bħala zmien ta' prova. Minn naħa tiegħu r-rikorrent jgħid li kien impjegat mas-soċjeta' fil-kariga u l-perjodu msemmi hawn fuq. Ir-rikorrent jgħid li huwa kien impjegat fuq bazi ta' mpjieg indefinit.

Fl-ewwel dehra ġie deciz li biex jinftiehem x'tip ta' kuntratt, kien hemm bzonn li jiġi trattat fil-mertu sakemm jirrelata ma' x'tip ta' kuntratt ta' mpjieg hu. Dan kien ukoll ġie deċiz mill-Qorti tal-Appell meta rrimettiet il-kaz lura quddiem it-Tribunal Industrijali, fejn uriet il-fehma li t-Tribunal għandu jisma' l-mertu tal-kaz.

It-Tribunal talab lill-partijiet informazzjoni dwar kif sar il-kuntratt, bħal x'sar mill-impjegati li kienu joperaw l-apparat li qed jingħad li nbiegħ lis-Soċjeta' mir-rikorrenti. Liema apparat flimkien ma' *logos* ġew trasferiti lis-soċjeta'. F'din it-transazzjoni mxew ukoll ir-rikorrenti li

bħala mpjegati mas-soċjeta' bil-klawsola inkluza li jinghatalhom qliegħ ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-introjtu li tagħmel is-soċjeta' mill-operat ta' dak kollu li ġie trasferit.

It-Tribunal aċċetta li l-partijiet jirregolaw ruħhom u jġibu provi ta' kif sar dan il-ftehim.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Adrian Darmanin** fil-kompetenza ta' wieħed mid-Direttur tas-Soċjeta' ntimata, fejn ikkonferma li s-soċjeta' xtrat proprjeta' mingħand ir-rikorrenti għal tmenin elf ewro (€80,000), liema proprjeta' hija waħda ntelletwali li tkopri l-*logos* (*brand name*) ta' diversi outlets (Fuego, Pizza Factory u The Alley). Ix-xhud qal li r-rikorenti mpjegawhom bħala konsulenti tekniċi u kien hemm ftehim li jingħataw ħamsa u għoxrin (25%) kull wieħed jiġifieri ħamsin fil-mija (50%) lir-rikorrenti flimkien (lill-aħwa Simon u Mark Grima) mill-qliegħ li jiġi ġġenerat, liema persentaġġ jingħata sakemm ikunu fl-impjieg. Ix-xhud ikkonferma li ġew itterminati waqt iz-zmien ta' prova, kif johroġ mill-provi.

Ix-xhud qal li jumejn wara li xtraw il-propjeta' ntelletwali skoprew li kienu ffrodati għax ma kienux jappartjenu lir-rikorrenti. Huwa semma' wkoll kif il-klijenti ma riedux jagħmlu negozju magħhom minħabba r-rikorrenti. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kellhom djun mas-*suppliers* li kienu qed jixtru mingħandhom huma bħala socjeta'. Huwa semma wkoll kif ittermina lir-rikorrenti wara li ġie mhedded minn Mark Grima, wieħed mir-rikorrenti u anke ġew fl-idejn.

Ix-xhud ikkonferma li fil-kuntratt ta' mpjieg m'hemmx referenza għal zmien ta' prova u lanqas ma ġie *waived away* mir-rikorrenti. Huwa spjega kif f'dan il-kaz la ma jissemmiex fil-kuntratt, tapplika l-liġi nnifisha.

Huwa qal ukoll li minkejja l-frodi li semma, huma bħala soċjeta' qatt ma ħadu passi legali, u dan għax ir-rikorrenti kienu ddikjaraw lilhom infushom *nulla tenenti*.

Għall-mistoqsija tat-Tribunal ix-xhud ikkonferma li ma kien hemm l-ebda xiri ta' azjenda kummerċjali, u ma kien hemm l-ebda tkomplija ta' xi mpjieg ieħor.

**Mark Grima** fil-kapaċita' ta' wieħed mir-rikorrenti, ikkonferma li hu u ħuh Simon ilhom *partners* għal madwar tletin sena. Huwa spjega kif in-negozju mas-soċjeta' twieled wara li

ntemmet il-ġestjoni ta’ Fuego Club peress li kienet skadiet il-kera ta’ għoxrin sena. Is-soċjeta’ xtrat il-*brand names* u r-rikorrenti kellhom ikunu l-konsulenti bi qliegħ ta’ 25% kull wiehed (hu u ħuh) mill-qliegħ li jiġġeneraw. Qal ukoll li ġew imwiegħda li jkunu mdaħħla bħala partners fil-business aktar ‘l quddiem.

Huwa qal li hu u ħuh għamlu kollox u Adrian qatt ma kien jersaq l’hemm, anke meta kienu waslu biex jiftħu l-ewwel *outlet* tas-socjeta’ li kellu jkun post tal-ikel fil-Plaza. Qal ukoll li kollox kien f’idejh u f’idejn ħuh minbarra t-tindif, li kellu jieħu ħsiebu Adrian. Ix-xhud spjega li t-tindif ma sarx, jiġifieri s-*cement* u tindif ta’ qabel il-ftuħ ma sarx. Beda jasal l-ikel, inkluz ħaxix li jkun mikxuf u ġieghel lill-impjegati jnaddfuħ. Huwa qal li Claire Abela, li hjia kienet waħda mid-diretturi tas-socjeta’ tat ħasla lill-Adrian fuq dan in-nuqqas u dan ta’ l-aħħar instiga l-konfront bejniethom u waslu biex ġew fl-idejn. Ix-xhud qal li spiċċa l-isptar u kellu anke *fractured rib* izda ma għamel l-ebda rapport b’rispett ta’ Claire li talbitu skuza u talbitu ma jipproċedix.

Rigward l-akkuza ta’ frodi dwar il-*brand names* li ma kienux f’isimhom, ix-xhud qal li hu personalment ħallashom fl-2016, izda nesa jimla l-*online application* u l-kwistjoni kienet qed tiġi ndagata minn Mamo TCV u li għandu kopja tal-ħlasijiet. Huwa qal ukoll li *Hot Sausage Company* u *The Alley* reġghu nxtraw lura mir-rikorrenti mingħand is-socjeta’ ntimata.

It-Tribunal staqsa lix-xhud kjarifika dwar il-fatt li fil-kuntratt ta’ mpjieg tar-rikorrenti tissemma l-frazi “tkomplija”: “*Mark and Simon remain in the employment of the company”*, u fl-istess ħin mal-JobsPlus ġie ddikjarat bidu ta’ mpjieg ġdid. Ix-xhud ikkonferma li ma kien hemm l-ebda tkomplija izda bidu ta’ mpjieg u l-kelma tkomplija’ fil-kuntratt kienet hemm bi zball.

Ghall-kontro-ezami f’seduta oħra x-xhud qal li kienu mpjegati bħala managers u speċi ta’ konsulenti u li kellhom ukoll sehem mill-profitti. Huwa kkonferma li kien ilhom f’din il-kariga ftit xhur u meta ġew fl-idejn hu u Adrian, dak il-ħin u dakinhar stess keċċiehom. Huwa qal li rrifjutaw li jitilqu għax huma kienu parti mill-progett. Ix-xhud qal li għamlu *Pizza Factory* u ħallsuh kollu huma u daħħlu lil Adrian sieħeb magħhom. Qal ukoll li għamlu proġett ieħor bi flus is-socjeta’ ntimata pero għamlu kollox huma. Ix-xhud qal li huma ħolqu l-kunċett, għamlu s-supervizjoni tal-proġett, u wara nqalgħet kwistjoni.

**Simon Grima** qal li jiġi ħu Mark Grima, r-rikorrent l-ieħor u huwa wkoll direttur fl-istess kumpanija u bħala aħwa ilhom ħamsa u tletin sena jaħdmu flimkien. Huwa qal li rigward il-kaz odjern huma nvestew f'pizzerija u nefqu madwar sebgħin elf ewro (€70,000) u kienet lesta minn kollox biex tibda topera. Xi xahrejn qabel ma fetħet, ħuh mar jiltaqa' ma' Adrian u Claire s-sieħba tiegħu għax riedu jinvestu. Ix-xhud qal li l-idea ta' kummerċ kienet li jkomplu jitħallsu l-kredituri. Ma' Adrian u Claire riedu jifthu business ieħor ezempju xi *pub* jew *bar*, għax il-Pizzerija kienet lesta diġa. Xorta izda, qal ix-xhud, daħħlu lil Adrian u Claire bħala msieħba fil-pizzerija bla ma talbuhom flus. Huwa qal li kien hemm negozju ieħor għaddej magħhom għax xtraw xi *brand names* bħal *The Alley, Fuego, Pizza Factory*. Għall-*Fuego* kien hemm diġa xi flus imħallsa imma mhux għall-*Pizza Factory*. Huwa qal li l-pizzerija kienet f'San Giljan u wara nfetħet oħra *Pizza Factory* f'Tas-Sliema. Huwa kkonferma l-inventarju kif esebit fil-provi ta' apparat mixtri u merfugħ fl-istabbiliment li kellu jibda jopera f'Tas-Sliema. Huwa qal li Adrian ma kienx jersaq l'hemm u kienu jagħmlu kollox hu u ħuh Mark. Kollox kien lest għajr xi tindif, kompla qal ix-xhud. Huwa qal ukoll li ma kienx hemm forma ta' mpjieg għax dak kien *business*. Huwa sostna li ma kienux impjegati. Kien *business* mibni fuq ftehim izda meta nqala' l-inkwiet Adrian qal lilu u lil ħuh li ġew imkeċċija. Huwa qal ukoll li bejniethom l-erbgha qatt ma ssemma' xi zmien ta' prova. La qabel u l-anqas waqt l-operat tal-*business*. Huwa qal li meta ħargu madwar mija u ħamsin elf ewro (€150,000) u daħħlu lil Adrian u Claire magħhom ma kienux impjegati hu u ħuh, izda kien hemm ftehim u sħubija (*partnership*). Ix-xhud qal li hu u ħuh kienu jmexxu l-istabbiliment u jkunu hemm il-ġurnata kollha filwaqt li Claire kienet tiġbor is-*sales*.

Għall-kontro-ezami f'seduta oħra, kkonferma li hu u ħuh Mark kienu ilhom *partners* madwar erbgħin sena u qal ukoll li qatt ma kienu diretturi mas-soċjeta' ntimata. Qal ukoll li l-post maniġerjali mas-soċjeta' ntimata ħolquh huma u ħadu t-tmexxija f'idejhom u kkonferma wkoll li d-dokument immarkat Fol 9 iġib il-firma tiegħu.

**Claire Abela** fil-kapaċita' ta' waħda mill-*owners* tal-Fork & Night u *shareholder* kienet ukoll direttriċi fl-istess kumpanija imma issa rrizenjat. Ix-xhud qalet li kient fuq il-bord tad-diretturi meta Mark u Simon, r-rikorrenti kienu għadhom bi zmien ta' prova u ġew itterminati. Hija qalet li t-termnazzjoni ġiet ikkomunikata lir-rikorrent mill-Managing Director, Adian Darmanin. Hija qalet ukoll li kien hemm dizgwid bejn ir-rikorrenti u Adrian, l-aktar ma' Mark għax ried ikun hu l-Managing Director tal-kumpanija u kellu aktar esperjenza. Ir-rikorrent Mark ma kienx wieħed mid-diretturi izda xtaq imexxi hu. Hija qalet ukoll li dak inhar li tkeċċew

ir-rikorrenti hija ma kinitx prezenti izda saret taf mingħand Adrian li tterminahom, li saret verbalment. Hija qalet ukoll li ma kienx hemm xi proċess ta' dixxiplina nvolut izda kienu jsiru diversi laqgħat fejn beda joħroġ li l-*budget* ma kienx filfatt kif intqal lilhom u *deadlines* ma kienux qed jiġu milħuqa. Hija qalet li la kien għadu l-perjodu ta' prova ma kienx hemm l-ebda proċess ta' dixxiplina.

Hija qalet li qatt ma tkellmu fuq zmien ta' prova għax qatt ma kien kuntratt ta' mpjieg izda kuntratt ta' bejgħ pero kkonfermat ukoll li dan l-istess kuntratt jgħid li sakemm ikunu mpjegati jkunu parteċipi fil-qliegħ**.** Hija kkonfermat li l-għan kien li hi u Adrian jixtru l-affarijiet u r-rikorrenti jgħinuhom fit-tmexxija .

**Anthony Desira** fil-kapaċita' ta' *designer* u kuntrattur qal li r-rikorrenti kien ilu zmien twil jafhom u kien ilu zmien twil joħdilhom ħsieb il-postijiet sa mill-2001. Riċentement huwa qal li għamlilhom il-pizzerija ta' San Giljan u ta' Tas-Sliema. Huwa qal li kien jieħu ħsieb kollox hu bħal disinn, *plumbing*, jgħaddi d-dawl u kien dejjem jikkoordina ma' Mark Grima. Huwa kien ikun involut sal-aħħar, inkluz il-*menus*, sakemm effettivament ikun lest biex tiġi servuta l-pizza. Huwa qal ukoll li Mark Grima kien ikun qed jassistih fil-fazijiet kollha, bħal xiri ta' materjal u japplikaw għall-permessi. Ix-xhud qal li ġieli sema' li kien hemm xi ħadd ieħor involut, izda mhux ċert jekk qattx rah ħlief l-aħħar tliet t'ijiem kif kien lest kollox.

### Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz

**Dr. Kirk Brincau** għan-nom tas-soċjeta' ntimata qal li t-terminazzjoni saret fi zmien ta' prova u dan għax ir-rikorrenti ġew impjegati f'Ottubru 2018 u l-impjieg tagħhom ġie tterminat f'Diċembru 2018. Dr. Brincau qal li dan huwa wkoll kif jidher mir-reġistrazzjoni li saret mal-JobsPlus u kif jidher mill-formoli ta' terminazzjoni. Kollox jindika qal Dr. Brincau li ġew impjegati u tterminati fi zmien xahrejn. Qal ukoll li meta terminazzjoni ssir fi zmien ta' prova allura wieħed ma jistax japplika t-tkeċċija nġusta. Huwa rrefera wkoll għal artiklu 36 li jitkellem fuq il-perjodu ta' zmien ta' prova li f'kaz ta' mpjieg maniġerjali dan hu ta' tnax-il xahar. Dr Brincau qal li jekk hu minnu li kien hemm ftehim taċitu bejn il-partijiet biex jiġi eliminat iz-zmien ta' prova, il-liġi tesiġi li dan isir bil-miktub, li filfatt dan ma sarx. Dr. Brincau qal li l-atturi ġieli pprovuaw idaħħlu dubju jekk ir-relazzjoni tagħhom kinitx waħda ta' impjieg jew le. Huwa qal li kieku dan hu minnu, lanqas biss seta' jinstema' dan il-kaz quddiem it-Tribunal. Dr. Brincau irrefera għall-fatt li dan il-kaz diġa kien instema' quddiem Tribunal diversament kompost u ddeċieda li iva kienet saret terminazzjoni waqt iz-zmien ta' prova. Izda kien għamel referenza

għall-artiklu 741 tal-Kap 12 u rrefera l-materja quddiem Qrati oħrajn. Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet qalet li mhix kompetenti, l-Qorti tal-Appell qalet l-istess u allura, qal Dr. Brincau, dan it-Tribunal huwa kompetenti li jisma' l-kaz.

**Dr. Keith A. Borg** għan-nom tar-rikorrenti, ibbaza l-argument tiegħu fuq stedina biex it-Tribunal ikun aktar kuraġġuz min-norma meta jagħti d-deċizjoni u jikkonsidra n-natura differenti tar-relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet. Huwa rrefera għal x'ta bidu lil din ir-relazzjoni. Huwa qal li r-rikorrenti kienu sidien ta' propjeta' ntelletwali u ta' proprjeta' mobbli, kollox fin-negozju tal-*catering*. Dr. Borg qal li huma biegħu dawn l-oġġetti lis-soċjeta' ntimata u din wegħdithom nofs il-qliegħ sakemm ma jikkompetux kontriha u sakemm jibqgħu mpjegati magħha. Huwa qal li din hija stampa aktar wiesa' minn sempliċi impjieg, Dr. Borg qal li s-soċjeta' biex ma tagħtix il-qliegħ li wegħdet lir-rikorrenti allura keċċiethom fi zmien ta' prova. Huwa qal li r-rikorrenti ttrattaw in *buona fede* il- ftehim kien li jagħtu l-proprjeta' ntelletwali lis-socjeta' ntimata biex din taħdem biha, u jinghataw nofs il-qliegħ u timpjegahom magħha. Imma mhux hekk ġara għax keċċiethom fl-ewwel xhur.

**Deċizjoni**

It-Tribunal intalab jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrent u li saret nhar l-1 t' April, 2019, li l-kuntratt ta' mpjieg ġie terminat għal raġunijiet inġusti, kif ukoll kien affaċjat jiddeċiedi jekk it-terminazzjoni saritx fi zmien ta' prova jew le.

Tenut kont sitt fatti li ħargu waqt dan il-proċess u ċjoe :

Li r-rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' fit-2 ta' Ottubru 2018 u ġie tterminat fit-3 ta' Dicembru 2018;

Li r-rikorrent kien impjegat bħala konsulent tekniku wara li hu u ħuh biegħu lis-soċjeta' ntimata proprjeta' ntellewtali ta' erba' *brand names* ta' azjendi kummerċjali li minnhom bħala mpjegati mas-socjeta' kellhom jibbenefikaw minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-qliegħ li jiġi ġġenerat minn dawn l-azjendi ;

Li r-rikorrent filfatt kien impjegat fl-impjieg in kwistjoni fid-data ta' 2 ta' Ottubru u ma kien hemm l-ebda tkomplija ta' mpjieg ieħor kif hemm imnizzel fil-kuntratt ta' mpjieg;

Li fuq dan l-aħħar punt qablu z-zewg naħat, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni u qablu wkol li l-kelma "tkomplija" hija filfatt qed tizgwida u qegħda mnizzla fil-kuntratt bi zball;

Li dan kollu kellu jiġi kkjarifikat minħabba li mal-JobsPlus hemm mnizzel li kien sar bidu ta' mpjieg li kien qed ikun konflinġenti ma' x'kien hemm imnizzel fil-kuntratt ta' mpjieg;

Li t-terminazzjoni ta' l-impjeg tar-rikorrenti ssegwi sensiela ta' nċidenti li xellfu sew il-fiduċja li kien hemm bejn ir-rikorrent (u ħuh) u s-soċjeta' ntimata.

It-Tribunal f'dan il-kaz huwa affaċjat b'terminazzjoni li r-raġuni li nġabet kienet waħda ta' nuqqas ta' fiduċja bejn il-partijiet li anke spiċċat f'konfronti fiziċi. Minkejja l-provi u t-tagħrif li kiseb dan it-Tribunal matul is-smiegħ tal-kawza, minkejja li sar jaf b'diversi fatti u anke inġibulu provi, xorta kien kostrett li jara jekk it-terminazzjoni saritx waħda fi zmien ta' prova jew le. It-Tribunal jixtieq jiċċara li f'ċirkostanzi differenti jagħzel li jillimita s-smiegħ ta' provi fuq jekk it-terminazzjoni seħħitx fiz-zmien ta' prova, u ma joqgħodx jidħol fil-mertu u jekk it-terminazzjoni kinitx waħda nġusta jew le u dan għax il-ligi stess tagħti d-dritt lil min iħaddem jittermina mpjegat mingħajr biss ikollu raġuni jew jagħti raġuni. L-istess l-impjegat, fi zmien ta' prova huwa mogħti l-istess drittijiet li jista' jieqaf u ma jsofri l-ebda konsegwenzi.

Dan it-Tribunal, izda ġie kostrett jara provi li jmissu mal-mertu biex jasal jifhem jekk kienx hemm terminazzjoni waqt iz-zmien ta' prova, u dan anke fuq ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, li gustament dehrilha li kellu jkun it-Tribunal Industrijali li jiddeciedi u dan proprju wara li jigu mismugha provi rigward il-mertu, propju biex jiġi ddeterminat x'tip ta' kuntratt kien.

Hija prattika aċċettata u kompletament fil-parametri tal-liġi li meta jkun hemm nuqqas fil-kuntratt, tiġi applikata l-liġi. Minħabba li fil-kuntratt maqbul bejn il-partijiet ma hemm l-ebda referenza għal zmien ta' prova jew għad-durata tiegħu, allura l-liġi titlob li jekk hemm imqar ftehim taċitu biex jiġi eliminat iz-zmien ta' prova, dan għandu jsir bil-miktub. Fil-kuntratt tax-xogħol ma hemm l-ebda referenza għall-perjodu ta' prova u allura it-Tribunal ikollu japplika l-artiklu 36 tal-Kap 452.

Dan it-Tribunal irid jafferma li hu marbut li jimxi u jara li Kap 452 jiġi onorat. Kien evidenti li l-ftehim bejn il-partijiet kien imur lil hinn minn ftehim li jaqa' fin-natura ta' mpjegat u min iħaddem. Fuq dan qablu z-zewg partijiet. Pero' lil dan it-Tribunal inġabulu quddiemu dokumenti u kuntratt li juri ċar li l-partijiet qablu li fl-istess dokumenti u kuntratt tax-xoghol, hemm relazzjoni ta' mjegat u min iħaddem u kien propju dan li jagħti l-kompetenza lil dan it-Tribunal biex jisma' l-Kaz. It-Tribunal la stabilixxa dik ir-relazzjoni mill-provi miġjuba u pprezentati seta' allura jissindika jekk it-terminazzjoni seħħitx fi zmien ta' prova jew le, u filfatt irrizultalu li t-terminazzjoni seħħet propju fi zmien ta' prova.

It-Tribunal irid jgħid ukoll li kif kien evidenti matul il-proċeduri tal-kaz il-partijiet kienu qed jidħlu fi ftehim li jmur lil hinn minn relazzjoni ta' bejn impjegat u min iħaddem, izda għazlu li jirregolaw ruħhom b'kuntratt ta' natura ta' mpjieg. Il-kuntratt miftiehem u maqbul għal għajnejn il-liġi jaqa' perfettament taħt u jonora l-Liġi tax-Xogħol. Issa jekk il-partijiet kellhom xi ħaġa oħra fi ħsiebhom kif se joperaw jew jamministraw il-kummerċ u r-rabtiet kummerċjali bejniethom, allura messhom iċċarawha b'kuntratt f'dan is-sens. Ħadd m'għandu jippretendi li jirrikorri għal-liġi u fl-istess ħin, waqt li qed jitlob il-protezzjoni tal-liġi, jippretendi li l-liġi tagħlaq għajnejha għal dak li jiġi pprezentat lilha.
Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni seħħet waqt iz-zmien ta' prova u skond il-Ligi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(iffirmat)**

**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**